# Kurżitajiet fl-Istorja Ekkleżjastika ta' Ħal Kirkop

*Kitba ta' Angelo Schembri*

***Nota Editorjali***

*L-interess li qajjem l-artiklu li jien irriċerkajt u ktibt għall-ħarġa tas-sena li għaddiet dwar intietef fl-istorja parrokkjali tar-raħal, stimulani biex dis-sena nkompli għaddej b'sensiela oħra ta' suġġetti li jkunu ta' interess għalikom. Biex niftiehmu! Billi semmejt ix-xogħol ta' riċerka, ma jfissirx li qed inqis ruħi bħala xi riċerkatur storiku, iżda almenu, bil-limitazzjonijiet tiegħi kollha, naf nagħraf statwa minn oħra, u meta naqbad tarf ta' xi ħaġa nibqa' sejjer infittex u mhux nibbaża kollox fuq is-suppożizzjonijiet. Biex insostni dak li nikteb, nieħu pjaċir li jkolli ammont ġmielu ta' ritratti antiki, li bħalma tistgħu tobsru, huma l-għaxqa tiegħi. Din is-sena xejn anqas, anzi qed immur aktar 'il bogħod tant li wasalt għall-kisba ta' ritratti li ttieħdu tmenin sena ilu. U fil-kitba ta' din is-sena qed ninkludi tagħrif dwar tliet suġġetti oħra: il-Ġilandra Maestuża ta' Corpus, l-Orgni tal-Knisja Parrokkjali u l-Parrokkat ta' Dun Alwiġ Deguara. Ser nelabora wkoll aktar informazzjoni dwar il-Korp Sant ta' San Benedittu Martri, li ktibt b'mod estensiv dwaru s-sena l-oħra. Jien inħeġġiġkom biex dawk li għandhom xi materjal interessanti, b'mod partikolari r-ritratti, ma joqgħodx lura milli javviċinana ħalli nkomplu ngħollu l-livell ta' dan il-Ktieb tal-Festa.*

## 90 Anniversarju tal-Ġilandra ta' Corpus Christi

Fost l-egħżeż teżori li jagħnu l-Knisja Parrokkjali, żgħira fid-daqs, ta' Ħal Kirkop, kulħadd jaqbel li l-Ġilandra Maestuża li tintrama għall-Festa ta' Corpus, għandha post speċjali fil-qalb tal-Koppin kollha. Hija Ġilandra singulari għall-Knejjes Maltin, li meta tintrama, l-Altar Maġġur jieħu sura imponenti, li mingħajr ma trid ukoll tħoss is-solennità kbira tal-Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu. Ħarsa ħafifa lejn l-imsemmija Ġilandra, naraw li tibda fil-fatt mit-tabernaklu bil-bieba bl-arma tal-Qalb ta' Ġesù u Kurċifiss fuqha, biex imbagħad fl-erba' kantunieri joħorġu s-simboli tal-erba' Evanġelisti; il-baqra, l-iljun, l-anġlu u l-ajkla. Hawnhekk l-istruttura tal-Ġilandra tidjieq ferm tant li tiġi sserraħ qisha fuq sieq, u mserrħa fuq l-irjus t'erba' serafini, joħroġ il-qofol u l-ġmiel kollu ta' din l-opra. Il-kantunieri bil-kolonni doppji mibrumin stil salamonjakk, ix-xbieha tal-pellikan jitma' lil uliedu fuq il-bieba fejn jiġi espost is-Santissimu Sagrament u kollox jibqa' tielgħa kkupplat b'mod fantastiku biex jintemm b'effiġi tal-Ispirtu s-Santu. Minn tarf għal ieħor tal-artal tkompli żżejjen din il-Ġilandra, raġġiera kbira li tinkludi raġġi serpentinali, biex b'hekk kollox jieħu dehra mponenti u xierqa li tospita fiha lir-Re tar-Rejiet għall-qima u l-adorazzjoni tal-fidili.

Minkejja li din l-opra tant sabiħa għandha importanza kbira fil-parroċċa tagħna, sfortunatament jidher li ħadd qatt ma ħa l-intrigu li jfittex dwar l-oriġini tagħha. Ħasra, għax sa ftit għaxriet ta' snin ilu, jaf kien hemm min jiftakarha tiżżanżan. It-tradizzjoni orali dejjem sostniet li din il-Ġilandra saret fuq disinn tal-Kappillan Dun Ġużepp Barbara D.D. Meta taħseb f'disinji għal opri sagri simili li ħarġu mid-disinn tiegħu[1], mhux ta' min joħodha bi kbira li dan l-għidut, fil-fatt hu minnu. Fir-riċerka li għamilt is-sena l-oħra fl-Arkivju Parrokkjali, iltqajt ma' pagament li seħħ fis-26 t'Awwissu 1923,[2] fejn il-Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali Angelo Grech,[3] iniżżel notament li *"Pago`al Maestro Antonio Sapiano Scultore complamento della Giolandra per l'Esposizione del S.S. Sagramento in quanto a lire sterlina 59.11.0 raccolti dal popolo e sterlina 19.18.11 dalla chiesa."* Għalhekk tidher pjuttost ċerta li l-Ġilandra tlestiet fis-sena 1923, disgħin sena ilu, inħadmet mill-Iskultur Antonio Sapiano u swiet is-somma ta' kważi 80 lira sterlina li tħallsu mill-ġbir mill-Koppin u mill-fondi tal-Prokura tal-Knisja. B'dan biss ma kontx kuntent u erħejtilha lejn il-Kurja tal-Arċisqof[4] biex inkompli nirriċerka jekk sarx rikors għaliha. U fil-fatt ir-rikors sar u nkiteb fit-13 ta' Diċembru 1921. Il-persuni li kitbu u ppreżentaw[5] dan ir-rikors kienu ovvjament il-Kappillan Barbara u l-Prokuratur Angelo Grech. Fil-kitba tiġi enfasizzata li l-ġilandra preżenti f'dak iż-żmien kienet *"...misera"* u mhux denja li tospita s-Santissimu Sagrament. Jissemma wkoll punt interessanti fejn jgħid li s-Saċerdoti tal-Missjoni ż-Żgħira li żaru Ħal Kirkop fl-1912, ilmentaw dwar l-istat tal-Ġilandra, u fuq din il-bażi tissawwar it-talba biex il-Parroċċa jkollha Ġilandra ġdida u xierqa. Jumejn wara, fis-16 ta' Diċembru 1921, l-awtoritajiet

# Il-Ġilandra fi żminijiet oħra



Il-Ġilandra armata għall-Festa ta' Corpus fis-snin erbgħin bit-tużell l-antik li ċ-ċelu tiegħu jinsab ikkonservat fil-Kappella tal-Lunzjata. Wieħed jista' jinnota l-prospettiva tal-kor mingħajr dekorazzjoni ta' skultura, li saret aktar tard fis-snin sittin.



Il-bażi u r-raġġiera tal-Ġilandra ta' Corpus użati biex tiġi esposta l-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima li kienet iddur l-irħula Maltin fl-1949. Sena wara, fl-1950, il-Kappillan Dun Mikiel Spiteri ġab statwa simili għall-parroċċa minn Bolzano u ntramat bl-istess mod kważi identiku.



Dehra mill-isbaħ tal-Artal Maġġur armat għall-Milied tas-sena 1956 fi żmien il-parrokkat ta' Mons. Dun Alwiġ Deguara. Huwa ħaseb biex jarma l-Bambin fuq il-bażi tal-Ġilandra mdawwar bil-gandlieri u l-ġulbiena.



Ritratt meħud minn angolu ieħor tal-istess okkażjoni fil-Milied tal-1956. Minbarra d-dehra sabiħa tal-Artal Maġġur, wieħed jista' jinnota wkoll il-pilastri maġġuri armati bid-damask l-antik li tħallas mill-benefattur Franġisku Cassar ta' Qantarun.

Ekkleżjastiċi jilqgħu t-talba tal-Kappillan Barbara u l-Prokuratur Grech, u permezz tal-Kanċillier Dun P. Vella Mangion, jinfurmaw li l-Ġilandra tista' ssir, basta jiġu osservati żewġ kundizzjonijiet. Dawn ikunu; li qabel ma tiġi ordnata l-Ġilandra, għandhom ikunu nġabru l-finanzi meħtieġa u li wara li ssir "... *rimanga nella Chiesa.*" Jidher li l-iskultur imsemmi, Sapiano, ħadem dil-Ġilandra artistika f'madwar sena u ftit xhur biex possibilment kienet lesta għal Corpus tas-sena 1923. U min kien dan l-iskultur Antonio Sapiano?

Fittixt ħafna dwaru, iżda sfortunatament ftit nista' nagħtikom tagħrif għax s'issa għad ma rriżulta xejn konkret. Aktarx li kien Rabti u fl-1896 ħadem ukoll it-tużell li jintrama għall-Festa ta' Sant'Elena f'Birkirkara.[6] Xogħol aktar ċert tiegħu jidher li hu l-pedestall għall-istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-parroċċa taż-Żejtun, liema statwa nħadmet f'Milan fl-1906 u żżanżnet sentejn wara. Dal-pedestall inħadem minn Sapiano fuq disinn ta' Ġużeppi Decelis.[7] Wieħed ta' min jgħid li din l-opra sabiħa tal-Ġilandra saret lejn tmiem il-parrokkat tal-Kappillan Barbara meta hu diġà kellu 83 sena u għalhekk aktarx li kienet wieħed mill-aħħar proġetti li hu wettaq matul parrokkat twil ta' 56 sena. Matul iż-żmien din il-Ġilandra xettlet il-fantasija ta' wħud mill-Kappillani li mexxew il-Parroċċa. B'mod ċert nistgħu nsemmu lill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri, li fl-1949 rama' l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li kienet iddur fil-parroċċi Maltin fuq il-bażi tal-Ġilandra.[8] Sena wara, f'Mejju tal-1950, ġab minn Bolzano kopja ta' din l-istatwa maħduma fl-injam u reġa' ramaha b'mod kważi l-istess bħas-sena ta' qabel. Imbagħad fil-Milied tal-1956, il-Kappillan Dun Alwiġ Deguara[9] ħaseb biex jarma l-Bambin fuq l-istess bażi tal-Ġilandra b'mod artistiku ħafna. Matul is-snin, din il-Ġilandra ġratilha ħsara kbira, fosthom anke għall-fatt li kienet titgħatta bl-ixkejjer meta ma tkunx armata. L-ixkejjer girfu l-induratura u l-ħsara kienet dejjem tikber, sakemm il-Kappillan preżenti Dun Noel Camilleri, wara biss sena u nofs mindu ħa l-pussess, nieda l-proġett tal-induratura mill-ġdid tal-Ġilandra fl-2005. Ix-xogħol twettaq mill-induratur John Orlando minn Ħal Tarxien. Sentejn ilu, meta s-Soċjetà Ġużeppina ċċelebrat għeluq il-125 Anniversarju tagħha, il-Ġilandra kienet armata fuq l-Artal Maġġur wara l-Banda San Ġużepp f'Akkademja mużiko-letterarja li saret apposta[10] u b'hekk kellha xena mill-isbaħ warajha.

Hija ħolma tiegħi li qajla tista' ssir realtà jekk ma jitrattbux l-irjus u l-qlub, li għad xi darba nara dil-Ġilandra armata għal Corpus, imdawra bl-armar tal-Artal Maġġur li għandha għalih il-Fratellanza ta' San Ġużepp. Qatt ħsibtu x'dehra tal-ġenna jkun fih l-artal kieku tgħaqqad il-Ġilandra mal-gandlieri, il-patrijarki, it-tużell u l-ventartal? Kollu armar skulturat u ntaljat fl-injam u ndurat bid-deheb u aktarx li ħareġ mill-ħsibijiet tal-istess disinjatur Barbara. Min jaf għaxar snin oħra meta l-Ġilandra tagħlaq 100 sena, ikunx hemm xi ħadd li jaħsibha bħali u jwettaq dil-ħolma sabiħa?

**Referenzi**

1 Dun Ġużepp Barbara D.D. iddisinja r-Relikwarju l-Prim li jintuża għall-Festa ta' Santa Katarina V.M. fiż-Żurrieq. Mal-pedestall ta' San Ġużepp, fl-1976 ukoll kienet instabet skrizzjoni bil-lapes li tgħid li x-xogħol sar fuq disinn tiegħu. Hemm opri sagri oħra bħat-terħa tal-Artal ta' San Ġużepp, l-armar tal-Artal Maġġur u l-Istandard il-Prim tal-Fratellanza, li jiġu popolarment attribwiti lilu bħala disinn.

2 Libro di Esito della Chiesa di C. Chircop 1886 -1926.

3 Skont nota li tinsab fir-reġistru fuq imsemmi f'Paġna 41, Angelo Grech ħa l-prokura tal-Knisja f'idejh minn Settembru 1918.

4 Ħajr lill-Kanċillier Mons. Lawrence Gatt u l-arkivista Lorenzo Zahra tal-permess u l-għajnuna rispettivament.

5 Ir-rikors ġie ppreżentat lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi l-għada li nkiteb, jiġifieri fl-14 ta' Diċembru 1921.

6 Informazzjoni mogħtija mis-Sur Aris Cefai.

7 Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet – Kan. Dun Joe Abela, Paġni 128-129.

8 Ara artiklu Iż-Żjara tal-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima f'Ħal Kirkop fl-1949 – Angelo Schembri Ktieb tal-Festa 2012, Paġni 46-51.

9 Ara artiklu Il-Parrokkat tal-Kappillan Dun Alwiġ Deguara – Angelo Schembri aktar 'l isfel fl-istess artiklu, 2013.

10 L-akkademja saret fit-28 ta' Ġunju 2011.

## Il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb: ħajtu u ħidmietu f'Ħal Kirkop

Wieħed mill-agħar perjodi li kellha tgħaddi minnhom il-Fratellanza u l-Festa ta' San Ġużepp kien mingħajr dubju meta l-Fundatur Dun Ġużepp



Il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb, li xtara l-Orgni tal-Knisja Parrokkjali minn tas-Sliema fl-1935.




**Ċertifikat tal-Griżma ta' madwar 80 sena ilu fi żmien il-parrokkat ta' Dun Franġisk Xuereb.**

Barbara D.D. għadda għall-ħajja ta' dejjem fis-17 ta' Jannar 1932, wara ħajja ta' 92 sena, li minnha qatta 56 sena jmexxi l-Parroċċa Koppija. B'dil-mewt, il-Fratelli sfaw iltiema, u t-tarka li dejjem kellhom permezz tal-Kappillan, intemmet u għamlet il-wisa' biex jibdew iż-żminijiet tad-dlam. Iżda l-perseveranza ta' dal-fratelli qalbiena, flimkien mad-devozzjoni u l-imħabba kbira li dejjem irrenjaw lejn San Ġużepp, xejnu kull attentat biex dil-Festa tixxekkel u tieqaf milli tkompli ssir. Il-parrokkat ta' Dun Franġisk Xuereb kien il-magħmudija tan-nar għall-Festa ta' San Ġużepp. Kienet waslet is-siegħa tal-prova – ħajja jew mewt! Bħallikieku ma kinux biżżejjed l-intoppi tal-Kappillan, fl-1935 sar il-Konċilju Reġjonali li bih ġew restritti l-festi sekondarji, iżda l-Festa li nafu llum hija l-aqwa xhieda li dal-kuntrarju kollu f'daqqa li ffaċċjaw il-Ġużeppini, ma sewa għalxejn ħlief biex tħeġġet aktar il-ħuġġieġa ta' mħabba lejn San Ġużepp.

Bl-età kbira li kellu l-Kappillan Barbara, huwa ngħata l-għajnuna mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, biex il-ħtiġijiet pastorali tar-raħal ma jiġux traskurati. Jidher li Barbara mexxa l-parroċċa waħdu sas-sena 1926, meta mbagħad bdew jgħinuh vigarji bħal Dun Salv Pavia, Dun Manwel Brincat u Dun Franġisk Xuereb.[1] U huwa appuntu dwar dan l-aħħar vigarju, li mal-mewt ta' Barbara nħatar suċċessur tiegħu, li ser insawwar din il-kitba li ġejja. Tajjeb li nibdew b'ħarsa bijografika ta' dan it-tmintax-il kappillan ta' Ħal Kirkop. Franġisku Xuereb twieled iż-Żejtun fis-17 t'Ottubru tas-sena 1900. Ta' erbatax-il sena huwa beda l-istudji reliġjużi tiegħu ġewwa s-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat Għawdex. Ġie ordnat saċerdot nhar l-24 ta' Settembru 1927, u ta' 32 sena nħatar Kappillan ta' Ħal Kirkop mill-Arċisqof Mawru Caruana, fejn serva parrokkat ta' ħames snin. Fis-16 t'Ottubru 1936, l-imsemmi Arċisqof Caruana nnominah biex jinħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid u l-pussess ħadu fis-16 ta' Marzu 1937.[2] Fiż-żmien twil li huwa qatta Raħal Ġdid, intemm il-bini tal-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, u wara li spiċċa minn Kappillan f'Lulju tal-1962, ta bidu għall-bini ta' Knisja Parrokkjali oħra f'ġieħ id-Dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Ma' tmiem il-parrokkat f'Raħal Ġdid, huwa nħatar Monsinjur tal-Katidral u miet fit-22 ta' Lulju 1976.

Sa mill-ewwel xhur ta' parrokkat f'Ħal Kirkop, Dun Franġisk wera biċ-ċar li ried jimxi b'id tal-ħadid mal-Fratellanza ta' San Ġużepp. Ir-Reġistru tal-minuti tal-Konsulti Ġenerali tal-Fratellanza[3] huwa xhud tal-kwistjonijiet kollha li kienu jinqalgħu.[4] Il-Kappillan Xuereb kien ifittex ma' xiex ser jaqbad biex idgħajjef it-tmexxija tal-Fratellanza. Kwistjonijiet bħall-irfiegħ tal-fratelli mejtin, post fejn jintrefa' l-Velumeral, nuqqas ta' dixxiplina, ħlas ta' sbuħija b'lura u tant affarijiet oħra, bdew jinqalgħu fi żmien qasir. Forsi huwa faċli li wieħed jgħid li aħna nippuntaw subgħajna jew li tisma' qanpiena waħda, iżda fortunatament teżisti xhieda minn persuna newtrali li studjat dal-każ tletin sena wara. Dan m'huwa ħadd ħlief l-antropologu Olandiż Jeremy Boissevain li f'kitba dwar l-eks-Prokuratur tal-Fratellanza u President tas-Soċjetà Salvu Spiteri,[5] jesponi kemm il-Kappillan Xuereb kien ippreġudikat kontrih. Jeremy Boissevain jgħid li l-ewwel deċiżjoni li ħa l-Kappillan Xuereb kienet li jħassar il-Festi tar-raħal bejn Settembru 1932 u Ġunju 1933, għar-raġuni li kien hemm ħafna tensjoni bejn il-partiti tal-Festi.[6] Permezz ta' din id-deċiżjoni kontroversjali beda jberraq mill-ewwel, għax Salvu Spiteri dritt ikkontesta l-jedd tal-Kappillan li jħassar il-festi. Dun Franġisk kompla din l-ewwel battalja billi ġiegħel lid-Direttur tal-Edukazzjoni jwissi lil Salvu li dak iż-żmien kien għadu għalliem fl-iskola primarja ta' Birżebbuġa, biex ma jindaħalx fl-amministrazzjoni tal-parroċċa. M'għaddiex ħafna żmien li l-Kappillan Xuereb ma kienx involut fi ġlieda oħra ma' Salvu, fejn irrakkonta lil Boissevain li din seħħet minħabba l-irħam tal-Knisja. Jidher li huwa rrakkomanda lil Dun Franġisk biex qabel ma jitpoġġa l-paviment tal-irħam, l-art tal-knisja għandha tinkesa b'saff siment biex l-umdità ma tagħmilx ħsara lill-irħam. Das-

suġġeriment ma ġiex milqugħ mill-Kappillan Xuereb anzi aktar kompla saħħnu u ppreġudikah kontra Salvu Spiteri. Għandu jingħad ukoll li Dun Franġisk kien il-bniedem li għaqqad mill-ġdid l-għaqda l-oħra wara li nqasmet f'żewġ każini fl-1930, minħabba l-firda politika. F'dawk iż-żminijiet kien jeżisti Circolo l'Indipendenza li kellu s-sede tiegħu fil-post fejn illum insibu l-għassa tal-pulizija fi Triq San Benedittu. Aktar minn hekk, Xuereb, wara tletin sena mindu temm il-parrokkat f'Ħal Kirkop għoġbu jħallas għall-pedestall il-ġdid tal-istatwa parrokkjali, hekk kif issuġġerielu xi ħadd meta wera x-xewqa li jkun benefattur ta' opra għall-parroċċa. Minn dad-diversi ċirkustanzi, wieħed għandu jieħu idea ċara ta' fejn kien iħabbat il-polz tal-Kappillan Dun Franġisk Xuereb.


L-Għaqda tal-Figlie di Maria mwaqqfa mill-Kappillan Xuereb, f'ritratt li ttieħed fil-Festa tat-Tre Re tal-1933 fid-dar parrokkjali l-antika li kienet tinsab biswit iz-zuntier.

Madanakollu, il-ħames snin li qatta' f'Ħal Kirkop bħala Kappillan, Dun Franġisk ħadem u ħalla opri li għadna ngawduhom sal-lum, bħalma jagħmel kwalunkwe Kappillan responsabbli minn parroċċa. Fost l-oħrajn, ftit xhur wara li ħa l-pussess, huwa ressaq talba quddiem l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex iwaqqaf fergħa tal-Figlie di Maria fil-parroċċa tagħna.[7] Sal-aħħar tas-sena 1932, il-permessi neċessarji kienu waslu, tant li nhar it-Tre Re tas-sena 1933, saret il-professjoni tal-membri f'din l-għaqda Marjana. Fl-istess okkażjoni, grupp ta' 35 tifla u 21 tifel ingħataw is-Sagrament tal-Ewwel Tqarbin wara li ġew mgħallma minn Grezz Azzopardi u Ġulin Spiteri. Tifkira sabiħa ta' din l-okkażjoni speċjali huma tliet ritratti li ttieħdu fil-bitħa tad-dar tal-Kappillan li kienet tinsab biswit iz-zuntier tal-Knisja.[8] Minn informazzjoni li ksibt, jidher li l-Kappillan Xuereb għamel kopji ta' dar-ritratti għall-bejgħ bil-prezz ta' tliet soldi, iżda l-problema kienet li l-maġġor parti tal-familji tar-raħal, ma setgħux iħallsu dawk il-ftit flus għal ritratt![9] Is-sena ta' wara, lejn nofs l-1934, Dun Franġisk ta l-bidu għall-proġett tal-pavimentar tal-Knisja Parrokkjali bl-irħam.[10] F'dal-proġett ħadmu diversi rġiel Koppin li naddfu u battlu l-kannierja tal-knisja mill-fdalijiet umani li kienu ndifnu mas-snin. Dawn ġew trasportati lejn iċ-Ċimiterju ta' San Nikola minbarra t-tebut bil-fdalijiet tal-Kappillan Barbara, li tħalla taħt il-lampier.[11] Fl-1935, il-pagament għall-irħam komplew bis-somma finali tlaħħaq l-ammont ta' 161 lira sterlina u 18-il xelin.[12] Id-ditta li għamlet dax-xogħol tal-pavimentar kienet ta' Costantino di Paolo li kienet armata l-Ħamrun. F'nota li ħalla l-Kappillan Xuereb dwar il-Kappella tal-Lunzjata, huwa jagħti ħafna tagħrif dwar dal-proġett tal-pavimentar bl-irħam.[13] F'nota lis-suċċessuri tiegħu, Dun Franġisk jikteb li sa Jannar 1935, il-Kappella tal-Lunzjata kienet ilha pprofanata għal ħamsin sena peress li kienet isservi ta' maħżen għall-armar bħat-trofej għall-festi ta' barra u oġġetti oħra proprjetà tal-parroċċa. Huwa jkompli jikteb li wara li għeleb diversi ostakli biex kiseb lok addattat mingħand il-Gvern biex iservi ta' maħżen,[14] il-kappella ġiet irrestawrata u bejn Marzu u Settembru tas-sena 1935, serviet minflok il-Knisja Parrokkjali peress li kienu qed isiru x-xogħlijiet konnessi mal-paviment tal-irħam.

**Il-Preċett ta' 80 sena ilu...**

**Ritratt f'paġna 38 li juri l-Preċett tas-Subien:**
**Fuq wara mix-xellug għal-lemin: (?), Baskal tal-Paddy, Nardu Majjummi, ta' Xappap, Żeppi tal-Ikħal u Lonzu ta' Pazizz.**
**Fin-nofs: Ġanni ta' Żaċċa, Toni ta' Grazzjulla, (?), Grezz Azzopardi, il-Kappillan Xuereb, Bendu ta' Ġanni ta' Bent, Ġulin Spiteri, Nardu Tuneż, Frenċ tal-Qoċċ u Nardu Vella.**
**Fuq quddiem: Nardu tan-Niċu, Karmnu ta' Verġinja, Mikiel tal-Gardilla, Karmnu l-Pizu, Anġlu taċ-Ċiċċu, Ninu ta' Filiela, Peppu ta' Pittu u Nardu ta' Grajjak.**

**Ritratt f'paġna 39 li juri l-Preċett tal-Bniet:**
**Fuq wara mix-xellug għal-lemin: Grezz Azzopardi, il-Kappillan Xuereb u Ġulin Spiteri.**
**L-ewwel filliera: Żeppa tal-Karwan, Ċikka ta' Sjettu, Tessie Bellizzi, Ġużeppa ta' Persja, MariKarm ta' Żnubri, MariKarm ta' Lebbet, Minka ta' Ġanni ta' Bent u Mari tal-Gardilla.**
**It-tieni filliera: Ġuża tal-Majjistra, Narda, Pranz tal-Kiexfa, Karmni tar-Robba, (?), Mari taz-Zokkra, Mari tal-Bibi, Kelina ta' Marozz u Żeża ta' Diemu.**
**It-tielet filliera: Anġla taz-Zlieq, Panny ta' Geddex, Karmena ta' Karamenda, Ġulja ta' Kalċidon, Saverja taċ-Ċombos, Mari ta' Geddex, Pawla ta' Persja, Manwela ta' Martina u Katty ta' Ferfer.**
**Fuq quddiem: Delina ta' Karawett, Ċetta ta' Ġola, Korċa ta' Ziza, Nona ta' Loreta, Katarin tal-Ikħal, Narda ta' Ġola, (?), (?) u Ġanna ta' Pespes.**

Din is-sena 1935, tidher li kienet partikolarment attiva għall-parroċċa ta' Ħal Kirkop, għax minbarra l-irħam tal-paviment, il-Kappillan Xuereb akkwista l-orgni mużikali li kien jinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor tas-Sliema.[15] F'irċevuta li ngħatat lil Xuereb, il-Gwardjan tal-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani, Patri Innoċenzu, jgħid li rċieva s-somma ta' 55 lira sterlina għall-orgni li kien jeżisti f'dil-parroċċa.[16] Biex dal-orgni jerġa' jiġi mmuntat mill-ġdid fil-post il-ġdid tiegħu, issejjaħ Mro Ferdinando Falzon, magħruf bħala s-Surmast Dandu miż-Żurrieq.[17] Das-Surmast Falzon (1894-1979) kien iservi ta' Maestro di Cappella f'diversi parroċċi u kien anke Surmast Direttur tal-orkestri li kellhom il-Każini ta' Santa Katarina taż-Żurrieq, Bellini tal-Qrendi, taċ-Ċintura fil-Gudja u d-Domus taż-Żejtun.[18] Minbarra li bena mill-ġdid dan l-orgni fil-parroċċa tagħna, jidher li s-Surmast Falzon ġie mistieden biex jagħti kunċert ta' inawgurazzjoni fuq dan l-istess orgni, bħalma għamel f'okkażjonijiet simili fil-parroċċi taż-Żurrieq, Ħal Safi u l-Isla. Fatt kurjuż ħafna huwa li dan Mro Ferdinando Falzon tgħallem l-orgni permezz tal-organista Lorenzo Sacco minn Ħal Kirkop. Tkixxift dwar dan Lorenzo Sacco u ġejt mgħarraf li kien għami, li tgħallem il-mużika bl-udit u li kien idoqq l-orgni kemm fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop, kif ukoll f'dik tal-Qrendi fejn kienet twasslu oħtu Grazia Sacco. Lorenzo Sacco pprofessa bħala Fratell fil-Fratellanza ta' San Ġużepp nhar il-5 ta' Novembru tal-1879.[19] Nota qasira tgħid li peress li huwa kien għami, allura kien jiġi kkunsidrat bid-drittijiet tal-konsorelli, jiġifieri jħallas ammont ta' menswalità anqas mill-irġiel u ma jattendix purċissjonijiet. L-organista Lorenzo Sacco miet fit-30 ta' Novembru 1929 u warajh ħa postu Ġulin Spiteri. Is-Surmast Ferdinando Falzon reġa' ġie msejjaħ għal darb'oħra fis-sena 1948 mill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri biex jirranġa u jintona mill-ġdid dan l-orgni, wara li ġarrab xi ħsarat fl-attakki matul it-tieni Gwerra Dinjija.[20]



Is-Surmast Ferdinando Falzon li kellu sehem kbir fl-Orgni tal-Knisja Parrokkjali.

Opra oħra li ħalla warajh il-Kappillan Dun Franġisku Xuereb kienet l-Ostensorju li jintuża għaż-żewġ festi ewlenin tal-parroċċa. Dan sar ukoll fis-sena 1935 u ġier ordnat għand id-Ditta A. Ronchi ta' Milan permezz tal-aġent G. M. Montebello ta' Strada San Pawl il-Belt. Dar-relikwarju maħdum fil-fidda maħsul bid-deheb sewa s-somma komplessiva ta' 61 lira sterlina 14-il xelin u 3 ċenteżmi.[21] Fiż-żmien li Dun Franġisk qatta bħala Kappillan ta' Ħal Kirkop, huwa kellu tgħix miegħu lil oħtu Ġużeppa fid-dar li kienet iġġib l-indirizz 26, Piazza Maggiore, kif għedna biswit il-Knisja minflok il-pjazza msejħa popolarment il-Balla. Is-suċċessur ta' Dun Franġisk Xuereb kien Dun Ġużepp Inguanez minn tas-Sliema, li dwaru jkollna tagħrif fil-ħarġa tas-sena d-dieħla.

**Referenzi**

1 Patri Alessandru Bonnici f'Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom, PIN Pagna 21.

2 Alfred Ellul Galea f'Raħal Ġdid 5000 Sena ta' Storja, 100 Sena Parroċċa, Paġni 129 u 130.

3 Confraternità Veneranda di San Giuseppe Casal Chercop - Libro C1 Atti delle Consulte Generali.

4 Il-konsulti li tagħhom għandna l-minuti fir-reġistru fuq imsemmi saru fid-dati segwenti: Marzo 1932, 12 Febbraio 1933, 22 Ottobre 1933 u 26 Ottobre 1933.

5 Jeremy Boissevain f'Salvu Spiteri, is-Surmast – Ktieb tal-Festa 2005 Paġni 45 sa 49.

6 Il-Partitarju anzjan Frenċ Mizzi kien jikkonferma li l-Kappillan Xuereb ħassar iż-żewġ festi, però minflok ir-raġuni tat-tensjoni kien jgħid li Dun Franġisk għamel dan biex jibda jiġbor il-fondi għall-pavimentar tal-Knisja bl-irħam.

7 Angelo Schembri f'Kurżitajiet fl-Istorja Ekkleżjastika ta' Ħal Kirkop – Ktieb tal-Festa 2012 Paġni 33 sa 36.

8 Ir-Ritratti tal-Għaqda tal-Figlie di Maria, tal-Preċett tas-Subien u l-Preċett tal-Bniet ġew ġentilment mislufa mis-Sinjuri Mari Karm Busuttil, Maria Callus u Carmen Spiteri rispettivament.

9 Tagħrif mogħti mis-Sinjura Mari Karm Busuttil.

10 Irċevuta datata 2 Dicembre 1934 li turi li l-Kappillan Xuereb ta kapparra ta' 40 lira sterlina fit-3 t'Awwissu u 20 lira fis-16 ta' Settembru tal-istess sena.

11 Aktar informazzjoni storika mogħtija minn Frenċ Mizzi li ħadem fil-proġett tal-pavimentar tal-Knisja u li sfortunatament ħalla din id-dinja f'Mejju 2009.

12 Irċevuta datata 25 Ottobre 1935 li turi li l-kumplament tal-pagamenti għall-irħam tal-Knisja matul is-sena 1935, saru fid-dati 27 ta' Jannar, 28 ta' Ġunju, 12 t'Awwissu, 17 ta' Settembru u 20 t'Ottubru.

13 Esito Amministrazione Altari Casal Chircop – Chiesa Annunziata.

14 Dun Franġisk jikteb li dal-maħżen li akkwista mingħand il-Gvern, jinsab fi Piazza Maggiore Vicolo San Andrea. Aktarx li ried jikteb Vicolo San Giovanni, peress li sal-lum il-ġurnata għadu jeżisti dal-maħżen f'binja ta' remissa li hu proprjetà tal-Knisja Parrokkjali.

15 Irċevuta datata 24 Maggio 1935.

16 Ara Artiklu ta' Winston Zammit aktar 'il quddiem f'dil-pubblikazzjoni għal aktar tagħrif dwar l-Orgni sakemm dam fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema. Paġna 185.

[17] Pagament ta' 32 lira sterlina f'irċevuta datata 6 Novembre 1935.
[18] Alfred Camilleri f'Il-Mużika Sagra li tindaqq fil-Festa Titulari ta' Marija Bambina fl-Isla u l-Kompozituri tagħha – Festa Marija Bambina Belt Senglea Pagni 3 u 4.
[19] Libro A IIdo – Pagamenti dei Confratelli della Confraternità di San Giuseppe, Pagna 22.
[20] Irċevuta datata 13th November 1948 għas-somma ta' 60 lira sterlina.
[21] Irċevuta datata 2 Novembre 1935 li tagħti lista tal-ispejjeż li sewa l-Ostensorju nkluż it-trasport minn Milan għal Malta.

## Il-Korp ta' San Benedittu Martri

(Ikompli mal-artiklu tas-sena l-oħra)

Fl-artiklu li ktibt is-sena l-oħra dwar il-Kurżitajiet fl-Istorja Ekkleżjastika ta' dar-raħal, tajt ħarsa dettaljata lejn il-Korp Sant ta' San Benedittu Martri li jinsab meqjum taħt l-artal tal-Kor.[1]

Fost l-oħrajn semmejt ukoll kif nibet il-ħsieb li dawn l-iġsma midfuna fil-katakombi ta' Ruma, jibdew jitqassmu fil-Knejjes Kattoliċi biex jingħataw qima mill-insara. Jien tajt il-verżjoni li dejjem instemgħet u nkitbet, iżda jidher li mhux kollox huwa daqshekk ċar dwar dawn il-Korpi Santi, hekk kif wara l-ippubblikar tal-ħarġa tas-sena l-oħra, ġejt mgħarraf b'informazzjoni ġdida.[2] Ovvjament jien ħsibt biex dat-tagħrif naqsmu magħkom, ħalli dejjem tkunu aġġornati dwar is-suġġetti li niktbu dwarhom f'dal-Ktieb tal-Festa. Jidher li fil-katakombi msemmija kienu jindifnu mhux biss l-ewlenin martri nsara, iżda l-insara Rumani kollha! Il-vażetti msejħin ampolli, li spiss jidhru jakkumpanjaw dal-korpi, dejjem ingħad li huwa demm il-martri in kwistjoni, miġbur wara l-martirju biex ma jintilifx. Iżda dawn fil-fatt kienu vażetti bi fwejjaħ li jtaffu l-irwejjaħ li kien ikun hemm fil-katakombi bid-dfin li jsir spiss. Il-katakombi ta' Ruma bdew jiġu riskoperti fil-bidu tas-seklu sbatax, u kien proprju Malti bħalna, Antonio Bosio, li ħadem bis-sħiħ biex isib kemm jista' minnhom. Mitejn sena warajh, kompla Giovanni Battista De Rossi, u sfortunatament, fil-perjodu ta' bejniethom dal-katakombi sfaw mira ta' serq u vandaliżmu. Kien fil-fatt f'dan iż-żmien, li dal-fdalijiet miżmuma fihom bdew jitneħħew u jintbagħtu fil-knejjes. Sadattant bosta minnhom laħqu nsterqu u dan wassal biex il-Papiet jibdew iqassmuhom.

Biċċa informazzjoni oħra dwar l-istess suġġett li waslitli ftit taż-żmien ilu, hija li mal-wasla tal-Korp ta' San Benedittu, fl-ewwel żminijiet kien jinżamm fil-mensa tal-Artal tal-Madonna tal-Grazzja, li jinsab faċċata tal-Artal ta' San Ġużepp.[3] Jiena nħeġġeġ lil dawk kollha li jieħdu interess f'dal-kurżitajiet, biex ma joqogħdux lura milli huma wkoll ifittxu aktar tagħrif dwar il-parroċċa ta' Ħal Kirkop u jaqsmuh magħna għall-benefiċċju ta' dawk kollha li jsegwu l-kitbiet storiċi li jikkaratterizzaw dil-pubblikazzjoni.


Il-Korp Sant ta' San Benedittu armat fuq il-kanċell tal-presbiterju madwar ħamsin sena ilu, aktarx meta ġie rrestawrat l-aħħar.


**Referenzi**

[1] Angelo Schembri f'Il-Korp Sant ta' San Benedittu Martri – Ktieb tal-Festa 2012 Paġni 42 sa 45.
[2] Informazzjoni komunikata permezz ta' e-mail mill-Kan. Dun Jonathan Farrugia.
[3] Dettall mogħti minn Dun Edgar Vella li għamel studju mhux ippubblikat dwar dawn il-Korpi Santi.


## Il-Parrokkat ta' Mons. Dun Alwiġ Deguara

Wara li battiet it-tieni Gwerra Dinjija u r-raħal beda jerġa' lura għall-ħajja kwieta u normali tiegħu, il-Parroċċa għaddiet minn perjodu daqsxejn imqalleb f'dawk li huma parrokkati ta' Kappillani. Dun Mikiel Spiteri wettaq ħidma ta' disa' snin fost il-Koppin u l-parrokkat tiegħu ta ħafna frott. Warajh ġie Dun Pantaleone Orland li dam ftit xhur, Dun Pawl Farrugia li dam ftit xhur ukoll u bħalhom Dun Alwiġ Deguara. Is-sena li għaddiet Dun Alwiġ iċċelebra s-sittin sena saċerdozju fl-għomor sabiħ ta' 84 sena, u kien dan li ħajjarni biex ġurnata fost l-oħrajn nerħilha lejn ir-raħal sabiħ tal-Imġarr biex niltaqa' miegħu.

Luigi Deguara twieled l-Imġarr fid-29 ta' Diċembru 1928 minn Ġużeppi u Marianna Deguara. Huwa tgħammed tlitt ijiem wara, nhar l-ewwel tas-sena 1929 fil-Parroċċa tal-Assunta. Ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tar-raħal,








**Il-Pussess tal-Kappillan Dun Alwiġ Deguara fl-1956.**



Dun Alwiġ Deguara jqaddes għat-tfal bniet tal-Ewwel Tqarbina li kienu jiġu ppreparati mis-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù.



Dun Alwiġ flimkien mat-tfal tal-Mużew waqt ħarġa rikreattiva. Jidher ukoll Benedittu Farrugia.

u fl-1939 għadda biex ikompli l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Arċisqof il-Furjana. Matul il-Gwerra, is-Seminarju opera wkoll minn Birkirkara u Ħal Qormi, biex kemm jista' jkun jitbiegħed mill-attakki tal-għadu. Dun Alwiġ ġie ordnat saċerdot nhar it-3 t'Awwissu 1952, u fil-bidu kien jgħallem is-Seminarju u jservi wkoll fil-Parroċċa ta' raħal twelidu. Huwa kien involut ukoll fl-għaqda reliġjuża tal-Missjoni Ż-Żgħira li kienet iffurmata minn għadd ta' saċerdoti li kienu jterrqu fl-irħula u l-bliet u jieqfu madwar ġimgħa f'kull post biex jagħmlu laqgħat ta' katekeżi li jħallu ġid spiritwali fost il-popolin. Fil-fatt, Dun Alwiġ żar Ħal Kirkop għall-ewwel darba waqt waħda minn dawn il-missjonijiet li kienet saret f'Novembru 1955. Ix-xahar ta' wara, l-Arċisqof Gonzi nnominah biex imexxi l-Parroċċa Koppija u fit-tieni ġurnata tas-sena 1956, huwa ġie joqgħod Ħal Kirkop fid-dar parrokkjali l-antika li kienet tinsab f'Misraħ Ħal Kirkop. Dun Alwiġ jirrakkonta kif sab il-parroċċa fi stat ta' miżerja kbira tant li x-xemgħat għall-gandlieri tal-artali kienet lasta ta' xkupa miżbugħa bajda b'musmar imsammar fil-quċċata, għal taparsi ftila. Din għalih kienet sitwazzjoni inaċċettabbli li ried isolviha minnufih. Fi żmien qasir huwa rama l-Knisja b'gandlieri ġodda tal-bronż, li kien jordna mingħand id-Ditta Abela tal-Ħamrun. Kompla billi bidel it-taraġ tal-irħam tal-Artal Maġġur li nkesa mid-Ditta Bonavia. Għat-tindif tal-Knisja, Dun Alwiġ kien isib għajnuna kbira mis-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù. Ta spinta lill-attivitajiet soċjali li fihom kien isib rikreazzjoni l-poplu, speċjalment billi kompla x-xogħol fuq id-Domus San Michele. L-ewwel ġebla ta' dal-bini kienet tqiegħdet fl-aħħar xhur tal-parrokkat ta' Dun Mikiel Spiteri u l-bini ntemm fi żmien Dun Pantaleone Orland. Dun Alwiġ sab somma ta' 800 lira li kienet għad trid titħallas għax-xogħlijiet li kienu saru. Għal dan huwa għamel wiċċu mal-Arċisqof Gonzi u talbu biex jagħtih donazzjoni ta' 500 lira minnhom mill-prebenda tiegħu. Għal din it-talba, l-Arċisqof wieġeb fl-affermattiv u hekk Dun Alwiġ sab l-għajnuna meħtieġa. Fil-ftit xhur li Dun Alwiġ dam imexxi l-Parroċċa Koppija, huwa ta spinta tajba lid-Domus. Huwa stess kien imidd idejh għax-xogħol bħat-tibjid u ż-żebgħa. Waqqaf iċ-Circolo San Domenico Savio għall-ġuvintur, irranġa l-palk tad-Domus, għamel il-gallarija biex jiżdied l-ispazju u niżżel il-bar isfel. Ta spinta lit-teatrin b'mod partikolari lid-dramm tal-Passjoni li kien isir regolarment fi żmien ir-Randan u xtara wkoll magna tal-films biex juruhom fid-Domus.

Iżda mhux kollox kien ward u żahar, u din il-ħidma kienet imfixkla minn kwistjoni li seħħet qrib il-Festa ta' San Ġużepp tas-sena 1956. Ftit xhur qabel ma beda l-parrokkat ta' Dun Alwiġ Deguara, il-Fratellanza ta' San Ġużepp kienet ressqet rikors biex tibdel l-erba' bukketti li jintramaw fuq l-Artal Maġġur għand Manwel Sciberras tal-Qrendi. Kien żmien ta' piki esterni u rapporti għal kull ħaġa ta' xejn, basta jixxekklu l-proċessi li bihom issir il-Festa ta' San Ġużepp. Din l-opra tal-bukketti tal-Maġġur, ovvjament ma niżlet xejn tajjeb ma' min ma kienx jiffavorixxi l-Partit ta' San Ġużepp, u sar rapport li dal-bukketti ser ikunu isbaħ milli jintramaw fil-festa parrokkjali. L-Arċisqof Gonzi bagħat għall-Kappillan



Il-Piccolo Clero, l-abbatini tal-1956 flimkien mal-Kappillan Dun Alwiġ Deguara.

Deguara l-Palazz tal-Arċisqof il-Belt, li miegħu ħa żewġ bukketti, wieħed minn kull festa. Kulma kellhom aqwa, il-bukketti ordnati mill-Fratellanza ta' San Ġużepp, kien li kellhom ġilju tal-fidda fil-parti ta' fuq. Gonzi ta ordni biex dawn il-ġilji jitneħħew u jintramaw mingħajrhom. Minkejja dan, xorta ma kinux kuntenti u spiċċaw ibbojkottjaw il-festa tagħhom stess f'Novembru, bil-Partitarji Ġużeppini jagħmlu tajjeb għall-parti l-kbira tal-ispiża li nvolviet l-ispiża tal-festa parrokkjali! Minkejja kollox, il-kwistjoni battiet u kkwitat u Dun Alwiġ seta' jkompli bil-ħidma pastorali fost il-Koppin bħal-laqgħat fil-Mużew u oħrajn għall-abbatini. Wasal il-Milied tal-1956, u Dun Alwiġ ħaseb biex jarma l-Bambin fuq l-artal maġġur b'mod spettakolari li m'aħniex imdorrijin bih illum il-ġurnata. Huwa utilizza l-bażi tal-ġilandra artistika ta' Corpus Christi u fuqha poġġa l-Bambin imdawwar bil-gandlieri u l-ġulbiena. Kienet xena li serqet qlub in-nies tar-raħal u għadna nistgħu ngawduha permezz ta' żewġ ritratti li ttieħdu fl-istess okkażjoni. B'nostalġija kbira, Dun Alwiġ jirrakkonta kemm kellhom qalbhom tajba n-nies tar-raħal, li ma kinux iħalluh nieqes mill-ħalib, patata u frott. Isemmi wkoll lill-Familja Falzon li kellhom il-Forn ta' Ċoqq u li kienu jeħdulu l-qagħaq kull filgħodu. Dun Alwiġ kellu wkoll relazzjoni tajba ħafna ma' Dun Nard Farrugia. Minbarra li kien jgħinu fil-quddies u l-okkażjonijiet pastorali, spiss kienu jerħulha għal xi passiġġata fl-inħawi tal-Karwija. Huwa jsemmi wkoll li f'dak iż-żmien, il-Karwija kienet ingħatat it-tarmak u kienet l-ewwel triq f'Malta li sarilha dat-tip ta' xogħol. Fi Frar 1957, l-Arċisqof Gonzi avviċinah biex jagħmel l-eżami għal Kappillan tal-Għargħur fejn qatta' tliet snin u mbagħad għadda biex jagħmel sbatax-il sena bħala Kappillan tas-Siġġiewi mill-1960 sal-1976.



Purċissjoni Sagramentali fi żmien il-parrokkat ta' Dun Alwiġ. Ta' min jinnota z-zuntier mingħajr il-balavostri li jiffurmaw kanċell madwaru llum il-ġurnata.



Mument mill-isbaħ għall-eks-Kappillan Dun Alwiġ Deguara fejn kellu x-xorti jiltaqa' mal-Beatu Ġwanni Pawlu II.

Għal din il-ħidma sfiqa li wettaq Dun Alwiġ, huwa ġie onorat bil-karigi ta' Monsinjur tal-Papa u wkoll Monsinjur tal-Katidral. Fost l-isbaħ mumenti li jsemmi Dun Alwiġ f'ħajtu kien hemm meta ltaqa' mal-Beatu Ġwanni Pawlu II. Dun Alwiġ għadu sal-lum iżur il-Parroċċa tagħna kull tant żmien, daqqa fl-okkażjoni tal-Griżma tal-Isqof u anke għal xi qrar straordinarju. Minn hawn nieħdu l-okkażjoni biex nawguraw Ad Multos Annos lil Mons. Dun Alwiġ Deguara u nirringrazzjawh taż-żmien li qatta' fil-parroċċa tagħna.